MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2001

Avvi$Z Numru. 826/1997/1

Avviz Nru 826/97DM

Tabib Principali tal-Gvern

vs

Joseph Degiovanni

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ erba’ mija u sbatax – il lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu dovuti kwantu ghal Lm17.88 bhala hlas indebitu u bi zball u Lm400 bhala penali wara li l-konvenut irrizenja minn kors ta’ tahrig ta’ ECG technician.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta l-ittra ufficjali tas-26 ta' April 1996, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas- subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Joseph Degiovanni fejn eccepixxa:

1 Illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2149(e) u 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

2 Illi, subordinatament u minghajr pregjudizzju, huwa qatt ma rrizenja mill-kors imsemmi fic-citazzjoni li beda f'Novembru 1986

3 Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi huwa stabbilit illi l-kontendenti kienu kkonkludew il-kuntratt tal-11 ta' Novembru 1986 permezz ta' liema il-konvenut kien ser jibbenefika minn kors ipprovdut mill-attur u fejn l-istess konvenut intrabat li jattendi ghall-istess kors ghal zmien sentejn sa Novembru 1988 u li sussegwentement, jekk itemm b'success l-istess kors, kellhu jassumi mpieg mal-attur fi zmien sitt xhur mid-data ta' meta jigi ppublikat ir-rizultat tal-ezami u li jibqa jservi l-Gvern f'tali mpieg ghal zmien ta' mhux inqas minn sentejn.

Inoltre, l-konvenut intrabat ukoll illi jekk ma jkomplix il-kors ma tul it-tieni sena huwa kien tenut li jhallas lill-Gvern is-somma ta' **Lm400 bhala pernali**.

Mid-deposizzjoni ta’ Anthony Ellul jirrizulta li l-konvenut ma baqghax jattendi ghall-istess kors almenu sa minn Novembru 1987 u li, nonostante diversi interpellazzjonijiet naqas li jghati xi raguni ghal dan in-nuqqas.

Kien biss f’Ottubru 1988 li l-konvenut ippresenta certifikat mediku biex jiggustifika l-abbandun tal-kors wara l-ewwel sena.

Dan kollhu huwa accettat mill-istess konvenut li illimita ruhhu li jiggustifika ruhhu fl-assenza minhabba ragunijiet ta’ sahha.

F’din il-kawza il-Qorti hija prekluza milli tiehu in kunsiderazzjoni xi gustifikazzjoni o meno ghall-assenza tal-konvenut mill-kors, anke kieku l-istess konvenut kien informa lill-attur fi zmien utili.

Il-kwistjoni ta’ gustifikazzjoni o meno kienet prerogattiva tal-istess attur li kellhu l-fakolta li jirriduci l-penali a diskrezzjoni tieghu skond it-termini tal-istess kuntratt. Izda l-istess attur gie prekluz li jikkunsidra xi gustifikazzjoni minhabba l-atteggjament tal-istess konvenut, li ghazel li jibghat certifikat mediku kwazi sena wara meta wasal biex jispicca l-kors u wara li kien ripetutament interpellat biex jispjega l-agir tieghu.

Ghalhekk jirrizulta li l-attur ipprova sodisfacentement li l-konvenut inkorra fil-penali kontemplata fil-klawsola 3(b) tal-kuntratt pubbliku tal-11 ta’ Novembru 1986 u l-attur huwa ghalhekk gustifikat li jitlob il-hlas tas-somma ta’ Lm400.

Izda l-konvenut eccepixx il-preskrizzjoni ta’ sentejn u dik ta’ hames snin kontemplati fl-artikoli 2149(e) u 2156(f) tal-Kodici Civili.

Dawn il-preskrizzjonijiet japplikaw ghall-azzjonijiet tal-Gvern ta’ Malta ghall-hlas ta’ drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi ohra u ghall azzjonijiet ghall-hlas ta’ krediti li ma jkunux jirrizultaw minn att pubbliku.

Izda din l-azzjoni hija ghal-hlas ta’ kreditu li ma jaqghax taht id-definizzjoni ta’ drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi izda huwa kreditu ghal penali li jirrizulta minn att pubbliku; ghalhekk il-preskrizzjonijiet citati u eccepiti ma humiex applikabbli ghal din l-azzjoni.

Ghaldaqstant fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa t-talba attrici fejn tirrigwarda t-talba ghal-hlas tas-sommma ta’ Lm400 bhala penali izda, fin-nuqqas ta’ provi, tichad it-talba fejn tirrigwarda l-indebitu allegat ta’ Lm17.88.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------